# Kwaranturi 2022

## Adorazzjoni Solenni fil-Ġranet tal-Kwaranturi Mit-30 ta' Diċembru 2022 sal-1 ta' Jannar 2023

**Il-Ġimgħa 30 ta' Diċembru: L-EWWEL JUM TAL-KWARANTURI**

*Il-quddies filgħodu jkun fil-ħinijiet tas-soltu u filgħaxija ssir quddiesa waħda*

**9:00am** Quddiesa għat-tfal kollha
**9:30am** Adorazzjoni għat-tfal

*Wara titkompla l-Adorazzjoni fis-skiet sal-11:00am*

**11:00am** Quddiesa

*Wara l-Quddiesa tibda Adorazzjoni mmexxija minn Mons. Salv Pace mal-membri tal-Azzjoni Kattolika*
*Wara titkompla l-Adorazzjoni fis-skiet*

**5:00pm** Adorazzjoni għall-Qaddejja tal-Artal, Grupp tal-Benefatturi u d-distributuri tal-bullettin. Jingħad ukoll ir-Rużarju.
**6:00pm** Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Kan. Dun Loreto Tabone bi ħsieb dwar l-Ewkaristija

*Wara Barka Sagramentali.*

**Is-Sibt 31 ta' Diċembru: IT-TIENI JUM TAL-KWARANTURI**

**9:00am** Quddiesa

*Wara Adorazzjoni fis-skiet sal-11:00am*

**11:00am** Quddiesa

*Wara l-Quddiesa, Adorazzjoni mmexxija mill-membri tal-Leġjun ta' Marija*
*Wara titkompla l-Adorazzjoni fis-skiet*

**4:30pm** Rużarju
**5:00pm** Quddiesa
**5:45pm** Adorazzjoni, talba tal-Għasar u Rużarju mmexxija mis-saċerdoti tal-Parroċċa
**6:30pm** Konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Salv Muscat bi ħsieb dwar l-Ewkaristija

*Kant tat-Te Deum u Barka Sagramentali*

**8.30pm** Quddiesa u wara Adorazzjoni mmexxija minn Mons. Rużar Borg li tagħlaq b'quddiesa f'nofsillejl

**Il-Ħadd 1 ta' Jannar 2023: SOLENNITÀ TA' MARIJA OMM ALLA U L-EWWEL JUM TAS-SENA L-ĠDIDA**

Quddies fil-Bażilika: 5:30am, 6:30am, 8:30am, 9:45am, 11:00am, 5:00pm, 7:00pm
Fil-Kappella tas-Sorijiet: 6:15am
Fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù: 7:00am
Fil-Kappella ta' Santa Tereża ta' Kalkutta fiċ-Ċimiterju ta' Kenuna: 7:30am

**8:00am** Matutin u Lawdi mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata
**4:00pm** Tiftaħ mill-Adorazzjoni mill-ġdid li tinkludi wkoll it-talba tar-Rużarju
**5:00pm** Konċelebrazzjoni Solenni tal-għeluq tal-Kwaranturi mmexxija mill-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri, bis-sehem tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata bil-kant tal-Għasar integrat. Wara Purċissjoni qasira b'Ġesù Ewkaristija li tgħaddi mill-Pjazza 28 t'April 1688, Triq Cicciano, Triq il-Kappillan, Triq Dun Bernard Haber u Pjazza San Pietru u San Pawl.

*Wara jitkanta t-Te Deum u Barka Sagramentali*

**7:00pm** Quddiesa

*L-Arċipriet, il-Kapitlu u l-Kleru jixtiequ Milied hieni lill-komunità parrokkjali kollha.*

**GĦAR-ROMOL:** Se ssir il-laqgħa ta' Diċembru għar-romol irġiel u nisa nhar it-Tnejn 26 ta' Diċembru, fis-6:00pm fis-Sala Parrokkjali ta' Triq Xandriku. Imexxi Mons. Ġużeppi Attard.

**LAQGĦA TA' TALB TA' PATRI PIJU:** se ssir għada t-Tnejn 26 ta' Diċembru fil-kappella tas-Sorijiet. Tibda bl-Adorazzjoni fl-4:00pm u r-Rużarju. Wara ssir Quddiesa.